

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2016 – Claranet Europe vs EUIPO – Claro (claranet)**(Kawża T-129/16)**

(2016/C 175/34)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* Claranet Europe Ltd (St Helier, Jersey) (rappreżentanti: G. Crown u D. Farnsworth, Solicitors)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Claro SA (São Paulo, il-Brażil)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti*Trade mark ikkontestata:* trade mark Komunitarja verbali bl-aħmar “claranet” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 265 113*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Jannar 2016 fil-Każ R 803/2015-4**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO (u jekk ikun il-każ, lill-kull intervenjent) għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2016 – Caisse régionale de crédit agricole mutuel Alpes Provence vs BĊE**(Kawża T-133/16)**

(2016/C 175/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* Caisse régionale de crédit agricole mutuel Alpes Provence (Aix-en-Provence, Franza) (rappreżentant: H. Savoie, avukat)*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, tad-29 ta' Jannar 2016 (ECB/SSM/2016 – 969500T)5KRTCJQWXH05/98), adottata skont l-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew u skont l-Artikoli L. 511-13, L. 511-52, L. 511-58, L. 612-23-1 u R. 612-29-3 tal-kodiċi monetarju u finanzjarju Franċiż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija illegali, sa fejn tikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (iktar 'il quddiem id-“Direttiva CRD IV”), u dawk tal-Artikolu L. 511-13 tal-kodiċi monetarju u finanzjarju Franċiż (iktar 'il quddiem is-“CMF”).
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija illegali, sa fejn tikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu L. 511-52 tas-CMF.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija illegali, sa fejn il-BĊE jikser l-Artikolu L. 511-13 tas-CMF u l-Artikoli 13 u 88 tad-Direttiva CRD IV.
4. Ir-raba' motiv, invokat sussidjarjament, ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija wkoll illegali, sa fejn il-BĊE jikser l-Artikolu L. 511-58 tas-CMF.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2016 – Caisse régionale de crédit agricole mutuel Nord Midi-Pyrénées vs BĊE**(Kawża T-134/16)**

(2016/C 175/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Caisse régionale de crédit agricole mutuel Nord Midi-Pyrénées (Albi, Franza) (rappreżentant: H. Savoie, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, tad-29 ta' Jannar 2016 (ECB/SSM/2016 – 969500T)5KRTCJQWXH05/100), adottata skont l-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew u skont l-Artikoli L. 511-13, L. 511-52, L. 511-58, L. 612-23-1 u R. 612-29-3 tal-kodiċi monetarju u finanzjarju Franċiż.